Anness A

Ministeru	Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa
L-impjieg	Konsulent Pedjatra b'interess speċjali fil-Mediċina tal-Emerġenza Pedjatrika fl-Isptar Mater Dei fid-Dipartiment tas-Saħħa tat-Tfal u tal-Adolexxenti

OFFICE of the DEPUTY PRIME MINISTER and MINISTRY for HEALTH
15, PALAZZO CASTELLANIA, MERCHANTS STREET, VALLETTA, MALTA

Dmirijiet u responsabbiltajiet:

i. ikun parti mid-Dipartiment tas-Saħħa tat-Tfal u tal-Adolexxenti u jirrispondi direttament liċ-Ċerpersin Kliniku ta' dan id-Dipartiment;

ii. jieħu sehem fl-attivitajiet tad-Dipartiment, jipparteċipa fi programmi ta' tagħlim u riċerka, jattendi regolarment għal-laqgħat kliniċi u jieħu sehem fil-proċess ta' assigurazzjoni ta' kwalita' u verifika;

iii. iwettaq dmirijiet kemm kliniċi u kif ukoll amministrattivi fi ħdan id-Dipartiment u jipparteċipa fil-ħidma tad-dipartiment, taħt id-direzzjoni taċ-Ċerpersin Kliniku, tad-Deputat Ċerpersin Kliniku u tal-'lead clinicians' (fejn applikabbli) tad-Dipartiment;

iv. jipprovdi kura speċjalizzata ta' kwalità għolja u bbażata fuq l-evidenza fil-Mediċina tal-Emerġenza Pedjatrika, li tinkludi l-evalwazzjoni, il-kura u t-teħid ta' deċiżjonijiet kliniċi immedjati u rapidi, filwaqt li jiżgura li l-kwalità u s-sigurtà jiġu mogħtija u mħarsa, u jwettaq ir-riċeviment, ir-resuxxitazzjoni, id-dijanjosi u l-kura tal-emerġenzi kollha fit-trabi tat-twelid, fit-tfal u fl-adolexxenti;

v. ifassal u jżomm, f'koordinazzjoni maċ-Ċerpersin Kliniku, sistema ġenerali li tiżgura fluss effiċjenti u sigur tal-pazjenti u li żżomm il-ħinijiet tal-istennija kemm jista' jkun baxxi;

vi. jikkollabora ma' u jipprovdi pariri speċjalizzati lit-timijiet pedjatriċi mediċi, kirurġiċi, ortopediċi u tal-kura intensiva (inkluż it-tim tal-kura intensiva tal-adulti fir-rigward ta' tfal li jeħtieġu kura intensiva) fl-isptarijiet, inkluż l-Isptar Ġenerali t'Għawdex;

vii. jissorvelja u jħarreġ lit-tobba żgħażagħ u jipprovdi b'mod regolari xenarji ta' taħriġ fir-resuxxitazzjoni sabiex it-tobba kollha, kif ukoll il-membri l-oħra tat-tim multidixxiplinari li jaħdmu fid-Dipartiment tal-Emerġenza Pedjatrika, ikunu mħarrġa sew biex jindirizzaw emerġenzi akuti;

viii. imexxi l-ħidma dwar il-ħarsien tat-tfal ('safeguarding') fid-Dipartiment tal-Emerġenza Pedjatrika u jindirizza l-ħtiġijiet kollha f'kollaborazzjoni mal-pedjatri tal-komunità;

ix. jibni, iħarreġ u jmexxi tim tat-trasport għal tfal morda, li jkopri t-trasferimenti fl-isptar kif ukoll mill-komunità u miċ-ċentri tas-saħħa, u lejn u mill-Isptar Ġenerali t'Għawdex;

x. jista' ukoll jkun meħtieġ li jipprovdi servizz f'xi estensjoni futura ta' servizzi tas-saħħa hekk kif provdut fi skema komprensiva tas-Saħħa Nazzjonali;

xi. jiżgura li d-dixxiplina u l-prattika (inkluż aspetti tal-iġjene u kontroll ta' infezzjoni) li jaffettwaw il-pazjenti taħt il-kura tiegħu/tagħha jkunu ta' l-ogħla livell possibbli;

xii. jipprovdi pariri dwar il-programm kontinwu ta' taħriġ u edukazzjoni fir-rispett tal-impjegati li jieħdu ħsieb il-pazjenti taħt il-kura tiegħu/tagħha u jikkollabora/tikkollabora ma' u tagħti parir lill-membri oħra mediċi;

xiii. jipparteċipa fis-sistema tal-'on-call' tad-Dipartiment hekk kif inkarigat mic-Ċerpersin kliniku;

xiv. jipparteċipa fit-tagħlim u t-taħriġ ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni skont il-ħtieġa;

xv. jipparteċipa meta mitlub, f'bordijiet tal-għażla, bordijiet dixxiplinarji u bordijiet tal-akkwist;

xvi. jwettaq sessjonijiet kliniċi hekk kif mfassal fil-pjan tax-xogħol bi ftehim maċ-Ċerpersin Kliniku u mal-Amministrazzjoni tal-Isptar li jinkludu pazjenti ammessi fl-isptar kif ukoll out-patients (appuntamenti ġodda kif ukoll 'follow-ups');

xvii. jipparteċipa u jkun attiv fi rwol ewlieni fis-servizzi tal-Mediċina tal-Emerġenza Pedjatrika pprovduti mid-Dipartiment;

xviii. jagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fl-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u l-Ministeru għas-Saħħa;

xix. jifhem u japprezza l-impatt potenzjali tal-iżvilupp teknoloġiku u r-riżultati ġodda tar-riċerka fuq il-prattika tal-Mediċina tal-Emerġenza Pedjatrika;

xx. izomm aġġornat/a mal-bidliet fil-prattika tal-Pedjatrija u tal-Mediċina tal-Emerġenza Pedjatrika bħala konsegwenza ta' proċess ta' tagħlim tul il-karriera.

xxi. iwettaq dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Annex A

Ministry	Office of the Deputy Prime Minister and Ministry for Health
Job title	Post of Consultant Paediatrician with a special interest in Paediatric Emergency Medicine at Mater Dei Hospital in the Department of Child and Adolescent Health

OFFICE of the
DEPUTY PRIME MINISTER and MINISTRY for HEALTH
15, PALAZZO CASTELLANIA, MERCHANTS STREET, VALLETTA, MALTA

Duties and responsibilities:

i. forms part of the Department of Child and Adolescent Health and will be directly responsible to Clinical Chairperson of this Department;

ii. takes part in the activities of the Department, participates in its teaching and research programmes, attends clinical meetings regularly and partakes in the process of quality assurance and audit;

iii. performs clinical and administrative duties within the Department and participates in the division/departmental activities under the direction of and as assigned by the Clinical Chairperson, Deputy Clinical Chairperson and Lead Clinicians (if applicable);

iv. provides high-quality, evidence-based specialist care in Paediatric Emergency Medicine, which includes being proactive in ensuring immediate and rapid assessment, treatment and clinical decision-making whilst ensuring that quality and safety are delivered and maintained, and undertakes the reception, resuscitation, diagnosis and treatment of all emergencies in neonates, children and adolescents;

v. designs and maintains, in liaison with the Clinical Chairperson, an overall system that ensures an efficient and safe patient flow and keeps waiting times to a minimum;

vi. liaises with and provides specialist advice to the paediatric medical, surgical, orthopaedic and intensive care teams (including the adult intensive care team in respect of children requiring intensive care) within hospitals, including Gozo General Hospital;

vii. supervises and trains junior medical staff and provides regular resuscitation training scenarios to ensure that all medical staff, as well as other members of the multidisciplinary team working in the Paediatric Emergency Department, are well trained to deal with acute emergencies;

viii. leads on safeguarding matters in the Paediatric Emergency Department and addresses all related needs by liaising with the community paediatricians;

ix. builds, trains and leads a transport team for unwell children, covering transfers within hospital as well as from the community and health centres, and to and from Gozo General Hospital;

x. providing service in any future extension of the health services as provided under a Comprehensive National Health Scheme;

xi. ensuring that discipline and practice (including aspects of hygiene and infection control) affecting patients under his/her care are of the highest possible level;

xii. providing advice about ongoing training and education programmes in respect of the staff caring for the patients under his/her charge and liaising with and advising other members pertaining to the speciality;

xiii. participates in the on-call rotas as directed by the Clinical Chairperson;

xiv. participates in undergraduate and postgraduate teaching and training as required;

xv. participates, when asked in selection boards, disciplinary boards and procurement boards;

xvi. performs clinical output as agreed in the job plan approved by the Clinical Chairperson and Hospital management, both in patients and outpatients (new case appointments and follow-up appointments);

xvii. participating and playing an active leading role in the Paediatric Emergency Medicine services provided by the Department;

xviii. makes use of the Information Technology systems which may be in operation within the Office of the Deputy Prime Minister and Ministry for Health;

xix. recognises the potential influence of technological advancements and emerging research findings on the practice of Paediatric Emergency Medicine.

xx. keep up to date with changes in Paediatrics and Paediatric Emergency Medicine practice as a consequence of a lifelong learning process

xxi. carries out any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.